MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 21

Il-Ħamis 17 ta' Novembru, 2016

Il-Kunsilli Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fil-4:00pm ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa – Viċi Sindku
Franco Buhagiar – Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
James Grima – Ambaxxatur

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Noel Formosa ippresjeda l-laqgħa.

## 21.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

21.1.1 Is-SE qrat l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

21.1.2 Il-Kunsillier Buhagiar ippropona li fi paragrafu 20.3.6 jiġi hekk "Il- Kunsillier Franco Buhagiar qal li kellu risposta minghand is- Sur Mario Fava fejn gie delegat li l-Vici Prim Ministru Louis Grech laqa posittivament il- proposta tal- progetti tal housing estate kif ukoll tac- centru civiku. Il- Kunsillier Buhagiar qal ghandu jerga jiltaqgha mad-delegat tal- Partit Laburista ghall- kunsilli lokali is- Sur Mario Fava u jzomm lil kunsill informat x'ser ikun il- pass li jmiss."

21.1.3 Il-Kunsillier Grima ipproponiet li jiżidied paragrafu fil-punti mill-minuti li jgħid: "Il-Kunsillier Carmela Grima saqsiet f'hiex wasal ix-xogħol fuq Triq Wied il-Merill". Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) qalet li se jiżdied paragrafu numru 20.3.9.
Il-minuti ġew approvati u iffirmati mis-SE u mis-Sindku.

21.1.4 Il-minuti ġew approvati iffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 21.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

21.2.1 Is-Sindku qal li x-xogħol fl-uffiċju tal-Kunsill miexi ferm. Jifdal il-bieb tal-aluminium, notice boards u xi xogħolijiet oħrajn.

21.2.2 Is-Sindku informa lil kunsilliera li t-timer tal-funtana tal-Pjazza għamel il-ħsara. Is-Sindku tkellem mal-kuntrattur Richard Cauchi u qallu li t-timer seta mar konsegwenza tal-umdita' li tinsab fejn hemm it-timer. Is-Sindku kompla jgħid li l-entratura minfejn tidħol għall-kamra tal-funtana hija tqila ħafna sabiex tintrefa. Wara diskussjoni sar qbil li issir tal-fiber glass bil-madum fuqha. Sar qbil ukoll li biex ikun hemm venitilazzjoni aħjar, issir toqba li titla sa fejn it-telephone box.

21.2.3 Is-Sindku propona li qabel il-ftuħ uffiċjali tal-Pjazza, issir *general maintenance* tal-Pjazza. Il-Kunsill qabel li ngħidu lil Joe Grima sabiex jagħtina stima.

21.2.4 Is-Sindku informa lil kunsilliera li t-traffic humps ta' Sqaq Pawluzzu waslu u issa nistgħu ngħidu lil ħaddiema sabiex jitwaħħlu.

21.2.5 Is-Sindku informa lil kunsilliera li ġie ordnat ix-xogħol sabiex jiġi restawrat il-Mural tal-iskola ta' San Lawrenz.

21.2.6 Is-Sindku issuġerixxa li l-hooks ta' Triq it-Torri ma jinqalewx qabel ma titwaħħal s-sign 'tarmix żibel'. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment. Is-Sindku talab biex din issir mill-aktar fiss possibbli.

21.2.7

Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-Kunsill ġie imħarrek sabiex jidher il-qorti fi 17 ta' Novembru. Hu flimkien mas-SE telgħu l-qorti fejn is-Sindku xehed u qal li l-Kunsill s'issa dejjem mexa fuq il-master plan eżiżtenti. Fix-xiehda tiegħu kompla jgħid li dan l-istess master plan juri li jagħti lok għall-erbgħa permessi biss u informa lill-Qorti li bħalissa il-managment board tad-Dwerja qed jiddiskuti wkoll il-materja. Il-Maġistrat ordna li billi issa jeżiżti d-Dwejra Management Committee, fi żmien tlett xhur irid jiġi ifformulat pjan għall-direzzjoni fejn jaraw kif l-aħjar li tiġi ppjanta d-Dwejra.

21.2.8 Is-Sindku informa lil kunsilliera fis-Saturday Club qed ikun hemm attendenza numeruża. It-tfal qed jipparteċipaw u filwaqt li qed jieħdu gost, qed jitgħallmu ukoll.

21.2.9 Is-Sindku ippreżenta l-kwotazzjonijet tas-siġar artifiċjali u s-siġar ta' vera. Il-Kunsill ikkonkluda li se jiġu wisq għoljien sabiex is-sena nagħmlu decorations ġodda tal-Milied. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li narmaw il-Christmas Tree tal-poinsettas. Is-Sindku talab lil-kunsillier Anthony Formosa sabiex jagħmel maintenance li hemm bżonn lis-siġra tal-Milied. Il-kunsillier Franco Buhagiar qal li l-arbli tal-pjazza jixraq li jkollhom xi tiżjien madwarhom. Wara diskussjoni sar qbil li jsir rope light, tinsel u ċfuf man-naħa ta' fuq. Il-Kunsill qabel ukoll li nqabbdu lil Chris Gauci sabiex iżejjen il-bqija tal-Pjazza skond l-istima.

21.2.10 Is-Sindku informa lil kunsilliera li daħlet talba mingħand in-nies tal-lokal sabiex issir zebra crossing quddiem id-Dar tal-Anzjani. Is-Sindku qal li hu kellu laqgħa mat-Transport Malta u qalu li l-aħjar tiġi quddiem il-bieb tad-dar tal-anzjani. Is-Sindku qal li n-naħa l-oħra taz-zebra crossing se tiġi quddiem id-dar tas-sinjura Lorenza Formosa. Hu kellem lis-sinjorina Formosa u qalet li hi ma iddejjaqiex. Is-Sindku kompla jgħid li tkun idea tajba ukoll li isiru 2 tabelli 'Slow down – elderly home' u 2 tabelli oħra 'slow down – school ahead' għall-Triq id-Duluri. Il-Kunsill qabel li napplikaw għaz-zebra crossing u nordnaw it-tabelli proposti.

21.2.11 Is-Sindku informa lil kunsilliera li d-Dwejra Management Committee se jorganizza laqgħat għas-sidien tad-dgħajjes, sidien tal-BoatHouses, hawkers, tour operators u sidien tal-bars u restaurant nhar s-Sibt 19 ta' Novembru fis-sala tal-Iskola Primarja San Lawrenz. Huwa stieden lill-Kunsilliera biex jekk iridu jisgħu wkoll jattendu.

21.2.12 Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-ġranet tal-ġbir tal-boroż qed jiġu osservati minn nies tal-lokal, pero fejn jidħlu *farmhouses* u postijiet li jinkrew qed ikun hemm boroż li jiħarġu f'ħinijet mhux kif isir mill-bqija. Is-Sindku qal li hu saħansitra kiteb lis-Sindki t'Għawdex sabiex flimkien jiktbu b'mob uffiċċjali lil GTA biex huma jikkoperaw minn naħa tagħhom billi jinfurmaw lil sidien ta' kumpaniji li jagħtu servizzi lit-turisti.

Is-Sindku ppreżenta ittra lil Viċi Prim Ministru dwar il-kwistjoni tal-Housing u taċ-

21.2.13 Ċentru Ċiviku fuq il-bażi ta' dak li ġie diskuss fil-laqgħat preċidenti. Kien hemm qbil fuq il-kontenut u s-Sindku informa li din l-ittra ser tiġi ppreżentata lis-Sur Fava, ir-rappreżentant tal-PL fuq il-Kunsilli Lokali, f'laqgħa li l-Kunsillier Franco Buhagiar ser jitlob miegħu fil-ġranet li ġejjien. Il-Kunsillier Buhagiar kompla jgħid li dawn il-proġetti huma fil-mira tal-Viċi Ministru li jidħlu mal-budget ta' 2018. Is-Sindku offra li jekk ikun hemm bżonn huwa jkun preżenti fil-laqgħat mas-Sur Fava. Is-Sur Franco Buhagiar qal li tkun ħaġa sabiħa u ser jinforma lis-Sindku biex ikunu jistgħu jattendu flimkien.

21.2.14 Is-Sindku informa lil kunsilliera li x-xogħol fuq Swejjaq miexi ferm u hemm ħafna interess minn naħa pubbliku. Saret diskussjoni rigward jekk issirx tinda f'każ ta temp ħażin. Il-Kunsill qabel li din se tkun spiża kbira u aħjar ma issirx.

21.2.15 Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kawża tal-Qorti li l-Kunsill ta' żewġ leġislaturi ilu kellu kontrieħ, inqatet favur il-Kunsill. Is-Sindku kompla jgħid li l-istess qorti tkellmet li kieku l-pulizjia għamlet xogħolha tajjeb ma kienetx tgħaddi lill-membri involuti minn dan il-martirju. Is-Sindku faħħar lil avukat Dr. Gilgio li iddefenda lil Kunsill b'mod tajjeb ħafna. Is-Sindku informa lil kunsilliera li Dr. Gilgio bagħat ittra fejn sostna li l-ispejjeż li l-Kunsill għadnu dritt li jitlob l-ispejjeż lura. Wara diskussjoni sar qbil li l-Kunsill għandu jitlob parir.

21.2.16 Inbagħtet emejl mingħand il-Gozo College sabiex jinħatar espert mill-lokalita' biex jagħti sessjonjiet informattivi lil-istudenti li se jiġu f'kull raħal. Il-Kunsill ippropona li ngħidu lis-sur Brian Borg.

21.2.17 Intbagħtet emejl mingħand Marion Mizzi sabiex issiru lezzjonjiet informattivi rigward il-piż żejjed u ħajja ibbilanċjata. Il-Kunsill qabel li nibgħatu għall-iktar informazzjoni.

21.2.18 Intbagħtet emejl mingħand il-Kunsill Lokali ta' Kerċem fejn infurmawna li fil-post tal-loqqu li jinsab fil-konfini bejn San Lawrenz u Kerċem waqa xi ġebel u naddfuh huma. . Is-Sindku qal li mill-informazzjoni li għandu dak il-post huwa tal-Gvern Ċentrali. Is-Sindku qal li tajjeb li nesploraw il-posibiltà li l-Kunsill jakkwista d-devoluzzjoni tal-post.

21.2.19 Is-SE ippreżentat l-Financial Statements u Quarterly reports għas-sena 2016 sa l-aħħar ta' Settembru. Il-kunsill qabel ma dawn u ġew iffirmati.

## Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

## 21.3

21.3.1 Il-Kunsillier Buhagiar saqsa jekk hemm xi mod kif nistgħu nevitaw il-karozzi li jkunu deħlin minn Triq Ċangura jitilgħu fuq il-bankina tal-bieb tal-ġemb tal-Knisja. Il-Kunsill kompla jiddiskuti l-fatt illi fiz-zebra crossing tal-Pjazza hemm sharp corner u toffrix

sigurta. Il-Kunsill qabel li nagħmlu bollards bi katina biex insolvu din il-problema.

21.3.2 Il-Kunsillier Buhagiar informa lil Kunsill li rigward il-cameras tad-Dwejra. Hu qal li ċempillu s-Sur Piscopo u qallu li għandhom kooperazzjoni mingħand l-Ministeru għall-Għawdex. Sar ftiehem li l-cameras ikunu responsabbli għalihom l-MTA u l-Ministeru għall-Għawdex. Issa li jifdal hi l-problema tal-konnessjoni tal-internet. Il-Kunsill qabel li jekk se jidħol fiha l-Ministeru għandu jkun l-istess Ministeru li jsolvi l-problema tal-internet.

21.3.3 Il-Viċi Sindku Toni Formosa saqsa jekk nistgħux niżbru s-siġar li hemm fejn il-playing field. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 21.4 European Week for Waste Reduction

21.4.1 Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-attivitajiet għall-EWWR ippreparati. Is-SE infurmat lil kunsilliera li bins għall-recycling tal-ħwejjeġ għadhom ma waslux għaliex hemm *waiting list* twila.

## 21.5 Inawgurazzjoni tal-Proġett ta' Riġenerazzjoni tar-Raħal

21.5.1 Is-Sindku informa lil kunsilliera li fl-istess żmien li se jkun hemm xogħol ta' tisbieħ fil-pjazza, se tiġi imqatta trinka fi Triq id-Duluri. Hu talab koordinazzjoni miż-żewġ kuntratturi sabiex ma jkunx hemm kunflitti fix-xogħolijiet.

21.5.2 Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-medalji u ċ-ċertifikati bil-folders taċ-Ċittadinanza Onorarja kważi lesti. Hu wera lil kulħadd ritratt u samples kif se jiġu meta jitlestew. Il-Kunsill approva d-designs tagħhom.

21.5.3 Is-Sindku wera d-disinn u l-kliem li se jidhru fuq il-plakka tal-inawgurazzjoni kif ukoll iddiskuta l-programm mal-kunsilliera. Il-Kunsill qabel ma dawn.

## 21.6 Attivitajiet tal-Milied

21.6.1 Wara diskussjoni sar qbil li l-attivitajiet tal-Milied ikunu: fit-28 ta' Diċembru dawra bil-ferrovija, ikla u tombla lill-anzjani, fid- 29 ta' Diċembru festin tal-Milied għat-tfal u fis-26 ta' Diċembru ikla għall-kunsilliera u staff f'restaurant l-Imġarr.

## 21.7 Aġġornament fuq il-Proġett tal-Playing Field

21.7.1 Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-bandla li kien għażel il-Kunsill ma tikkonformax ma health and safety regulations u għalhekk m'hiex sigura għat-tfal.

## 21.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

21.8.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti.

## 21.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

20.14.1 Il-laqgħa intemmet fl-19:30 u ġiet aġġornata għall-27 ta' Diċembru 201 fl-09:00.

IFFIRMATA

Noel Formosa
Sindku

IFFIRMATA

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv